Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,577, 9 ta' April, 2010
Taqsima B

A.L. 219 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2010 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Commerce – Dip. Com. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74 (5) u 75 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81 (1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Commerce – Dip. Com., u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004, għad-Diploma in Commerce – Dip. Com. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 202 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2009 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta’ mhux anqas minn 12–il xahar u mhux aktar minn sentejn ta’ studju fuq bażi *part-time*.”

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“Il-Programm tal-Kors

5. Il-Kors jikkonsisti f’numru ta’ taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 60 kredtu.”

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

6. (1) L-evalwazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull student fil-Kors għall-għan tal-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba, bil-kredti kollha miksuba jingħataw piż indaqs.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f’lista f’ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b’Distinzjoni
Għadda b’Mertu
Għadda.”